MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tat-12 ta' Gunju, 2007

Talba Numru. 1015/2006

**Maltacom Plc 22334**

**vs**

**Jet-Tech Limited**(C18866)

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tas-socjeta' konvenuta ghall-hlas ta' elf mija u disa' Liri Maltin u sebgha u sebghin centezmi (LM1109.77) rapprezentanti bilanc ta' prezz dovut mill-istess socjeta' konvenuta lil Maltacom Plc in konnessjoni mas-servizzi telefonici li jgibu in-numri 21345114/5 21235684 skond dokumenti annessi mat-talba.

Illi s-socjeta' konvenuta giet interpellata sabiex tghaddi ghal hlas izda baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-Ispejjes u l-imghaxijiet  mid-data tal-prezentata tal-avviz u li hija ngunta ghas-subizzjoni.

Ra mill-atti li s-socjeta' konvenuta baqghet ma pprezentatx  Risposta ghalkemm debitament notifikata u l-anqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal;

Ra l-Kapitolu li gie pprezentata mill-PL Noel Scerri fit-28 ta' Mejju, 2007, u l-fatt  li s-socjeta' konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

Fic-cirkostanzi, it-Tribunal jiddeċiedi billi jilqa' t-talba attrici bl-ispejjeż u l-interessi skond il-Ligi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------